MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2003

Numru 10/1998

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Mohamed Salah Ahmed Shnaina**

**Il-Qorti**,

Rat is-sentenza moghtija fis-7 ta' Lulju 1999 mill-Onorabbli Qorti Kriminali li tghid hekk:

"**Il-Qorti,**

Rat l-Att ta' Akkuza 10/1998.

Rat il-verdett tal-gurati li bih ghar-rigward ta' l-Ewwel Kap bi 8 voti favur u b'vot wiehed kontra, sabu lill-Mohamed Salah Ahmed Shnaina hati ta' l-akkuza taht dan l-Ewwel Kap.

Rat il-verdett tal-gurati li bih ghar-rigward tat-Tieni Kap, b'7 voti favur u b'zewg voti kontra, sabu lill-Mohamed Salah Ahmed Shnaina hati ta' l-akkuza taht dan it-Tieni Kap.

Rat il-verdett tal-gurati li bih ghar-rigward tat-Tielet Kap, bi tmien (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra, sabu lill-Mohamed Salah Ahmed Shnaina hati ta' l-akkuza taht dan it-Tielet Kap.

Tiddikjara ghalhekk lill-Mohamed Salah Ahmed Shnaina hati ta' l-akkuzi kollha taht it-Tlett Kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza skond il-verdett tal-gurija kif dikjarat fuq, u cioe' rispettivament talli ***(1) bejn l-10 u l-11 ta' Marzu, 1998, hu, minghajr ma kien inghata permess ghal residenza, nizel l-art jew kien f'Malta minghajr permess minghand l-Ufficcjal Principali ta' l-Immigrazzjoni; (2) f'xi zmien fil-perjodu ta' bejn l-10 u t-13 ta' Marzu, 1998, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Taqsima ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjoni tat-Taqsima V1 ta' l-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jipprokura l-istess droga, u (3) nhar it-13 ta' Marzu, 1998 xjentement kellu fil-pussess tieghu l-eroina, bi ksur tal-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini***

***Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-pussess ta' dak l-oggett, b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.***

Semghet lill-Avukati dwar il-piena.

Hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz u qieset kull cirkostanza relattiva u dak li gie sottomess miz-zewg avukati.

Rat l-Artikoli 5, 9, 14, u 18 tal-Kap. 217 u l-Artikoli 2, 9, 10 (1), 12, 14 (1) (5), 20, 22 (1) (a) (aa) (bb) (1B) (2) (a) (i) (ii) (3A) (c) (d), 22 (2) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medici Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regoli 4 (a) u B tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (G.V. 292/1939), kif ukoll l-Artikoli 23 u 533 tal-Kap. 9.

Hadet in konsiderazzjoni in-natura u l-gravita' tad-delitti taht il-Kap. 101 li bihom Mohamed Salah Ahmed Shnaina gie dikjarat u instab hati.

Hadet in konsiderazzjoni d-dannu irriparabbli li tali reati jew delitti jikkreaw lis-socjeta' hafna drabi b'konsegwenzi fatali.

Tiddeciedi ghalhekk billi fuq l-akkuzi kollha misjub hati tikkundanna lill-Mohamed Salah Ahmed Shnaina kumplessivament ghall-sittax (16) il-sena prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li hu kien taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, kif ukoll tikkundannah ghall-hamsa u tletin elf lira Maltin (Lm35,000) Multa li hu ghandu jhallas fi zmien sitt xhur mil-lum, u, fin-nuqqas, din il-Multa tkun konvertita fi tmintax (18) il-xahar prigunerija ohra.
A tenur ta' l-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat, kif ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta mobbli ohra ta' Mohamed Salah Ahmed Shnaina.

Il-Qorti qed tichad it-talba tal-prosekuzzjoni li jigi applikat l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 stante li l-ispejjes peritali ma gewx inkorsi f'dawn il-proceduri izda biss fl-Inkjesta Magisterjali. Tiddikjara lill-hati bhala immigrant ipprojbit u tordna l-hrug ta' Ordni ta' tnehhija kontrih minn dawn il-Gzejjer wara li jiskonta il-prigunerija fuqu mposta."

Rat li minn din is-sentenza l-akkuzat ipprezenta rikors ta' appell fit-28 ta' Lulju 1999 li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata riferibilment ghall-ewwel, it-tieni u t-tielet kap tal-att tal-akkuza relattiva u tiddikjarah mhux hati tal-istess akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull htija u imputazzjoni f'dan ir-rigward billi thassar id-dikjarazzjoni ta' htija u tordna li jigu registrati verdett u sentenza ta' liberazzjoni in materja tal-akkuzi kif formolati.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Mir-rikors ta' appell jirrizulta li l-aggravju principali ta' l-appellant huwa li hu gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kaz u r-rikors jikkonsisti f'elenku ta' cirkostanzi li minhabba fihom isostni li kellha titwemmen il-verzjoni tieghu, u cioe` c-cahda li huwa kellu x'jaqsam mad-droga li nstabet fl-appartament fejn kien qieghed jirrisjedi.

Fl-istess rikors jissottometti wkoll, pero`, li huwa seta' gie pregudikat minn decizjoni ta' natura proceduralі mehuda mill-ewwel Qorti fil-kors tal-guri kif ukoll minn parti ta' l-indirizz ta' l-Imhallef sedenti fl-ewwel Qorti "ghalkemm", izid ighid l-appellant, "dan b'ebda mod ma jnaqqas il-fatt li l-Jury kien abilment kondott mill-istess Imhallef sedenti".

Waqt it-trattazzjoni orali, id-difensur gdid ta' l-appellant amplifika fuq il-partijiet ta' l-indirizz li skond hu kienu ta' pregudizzju ghall-imsemmi appellant.

Gie sottomess li fl-indirizz tieghu, l-Imhallef sedenti fl-ewwel Qorti ma spjegax sew il-kuncett ta' dubju

ragonevoli; irrefera ghall-*"common sense"* li jridu juzaw il-gurati minflok ghall-*"bwon sens"*; ma tax kwadru car tal-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni; tefa' l-oneru fuq id-difiza biex tnissel mill-provi dubju ragonevoli; wara li spjega l-principju ta' nuqqas ta' htiega ta' korroborazzjoni fil-kaz in ezami, naqas li jenfasizza li l-provi jridu jigu miflijin b'akbar reqqa; ma spjegax tajjeb il-kuncett ta' provi indiretti u d-differenza bejn provi diretti u provi indiretti; waqt li jispjega l-fatti jsemmi punti ta' ligi u vice-versa.

Din il-Qorti qabel xejn tixtieq tirreferi ghal dak li qal Lord Alverstone, C.J. in re R. v. Stoddart (1909) 2 Cr.App.R. 217 (Archbold Criminal Pleading Evidence and Practice 2001 para. 7-53 p. 919):

"Probably no summing up, and certainly none that attempts to deal with the incidents as to which the evidence has extended over a period of twenty days, would fail to be open to some objection….Every summing-up must be regarded in the light of the conduct of the trial and the questions which have been raised by the counsel for the prosecution and for the defence respectively. This Court does not sit to consider whether this or that phrase was the best that might have been chosen, or whether a direction which has been attacked might have been fuller or more conveniently expressed, or whether other topics which might have been dealt with on other occasions should be introduced. This Court sits here to administer justice and to deal with valid objections to matters which may have led to a miscarriage of justice".

Fit-termini ta' l-artikolu 465 tal-Kodici Kriminali l-funzjoni ta' l-Imhallef fil-guri fl-istadju ta' l-indirizz hija li jfisser lill-guri x-xorta u l-elementi tar-reat migjub fl-att ta' akkuza, kif ukoll kull punt iehor tal-ligi li f'dak il-kaz partikolari jkollu x'jaqsam mad-dmirijiet tal-guri u li jigbor fil-qosor, bil-mod li jidhirlu mehtieg, ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin maghhom, ifisser lill-guri s-setghat li ghandu fil-kaz partikolari, u jaghmel kull osservazzjoni ohra li tiswa biex triegi u turi lill-guri kif ghandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tieghu.

Huwa evidenti illi dak li huwa l-aktar importanti f'dak li jiddisponi dan l-artikolu f'dan ir-rigward huwa l-principju bazilari ta' ekwita` u gustizzja li ghandu jirregola l-materja ta' l-indirizz u del resto tal-process kriminali kollu kemm hu, u cioe` li l-gurati ghandhom jitpoggew fl-ahjar posizzjoni possibbli, kemm ghal dik li hi ligi, kif ukoll ghal dawk li huma fatti, biex ikunu jistghu jaslu ghal verdett b'serenita` u bl-inqas komplikazzjonijiet u konfuzjoni possibbli, u fuq kollox li l-istess indirizz ikun bilancjat b'mod li l-gurati jkunu konxji l-ewwel u qabel kollox, illi huwa l-istess Imhallef li huwa imparzjali fir-rigward tal-htija o meno ta' l-akkuzat u li ma jkunx wera preferenza jew ta aktar importanza lejn naha jew ohra. Huwa utili jigi riportat hawn dak li qal Lord Hailsham, L.C. f'*R. v. Lawrence* [1982] A.C. 510 at 519, H.L. (Archbold, op. cit. Para. 4-368, p. 453):

"It has been said before but obviously requires to be said again. The purpose of a direction to a jury is not best achieved by a disquisition on jurisprudence or philosophy or a universally applicable circular tour round the area of law affected by the case. The search for universally applicable definitions is often productive of more obscurity than light. A direction is seldom improved and may be considerably damaged by copious recitations from the total content of a judge's notebook. A direction to a jury should be custom-built to make the jury understand their task in relation to a particular case. Of course it must include references to the burden of proof and the respective roles of jury and judge. But it should also include a succinct but accurate summary of the issues of fact as to which a decision is required, a correct but concise summary of the evidence and arguments on both sides and a correct statement of the inferences which the jury are entitled to draw from their particular conclusions about the primary facts."

Huwa facli li jigu kkritikati siltiet u frazijiet ta' indirizz, izda, apparti li dawn iridu jigu kkunsidrati fil-kuntest taghhom, l-indirizz ghandu jigi kkunsidrat fit-totalita` tieghu sabiex jigi determinat jekk setax sehh xi *"miscarriage of justice"*. Din il-Qorti ezaminat l-indirizz kollu ta' l-Imhallef sedenti fl-

ewwel Qorti u tista' tghid li, ghalkemm f'xi partijiet certament l-indirizz seta' kien aktar felici, u salv dak li ser jinghad aktar 'il quddiem, l-ilment ta' l-appellant mhuwiex gustifikat.

Hekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-ispjegazzjonijiet dwar x'inhu dubju ragonevoli, dwar x'piz u grad ta' prova jinkombi fuq il-prosekuzzjoni u dwar x'differenza hemm bejn provi diretti u provi indiretti huma sufficjenti li jinftehmu. Innutat ukoll li filwaqt li huwa veru li f'okkazjoni wahda l-Imhallef sedenti fil-guri jirreferi (skond it-traskrizzjoni) ghall-*"common sense"* tal-gurati, huwa jirreferi ghall-htiega tat-thaddim tal-*"bwon sens"* taghhom mill-anqas seba' darbiet. Meta l-Imhallef sedenti fil-guri kien qieghed jirreferi ghall-provi indiretti, huwa elenka b'mod bilancjat dawk il-provi indiretti li kienet irreferiet ghalihom il-prosekuzzjoni u dawk li kienet irreferiet ghalihom id-difiza. Difatti dan il-bilanc l-ewwel Qorti ezercitatu tul l-indirizz kollu. Bhalma enfasizzat diversi drabi li l-gurati huma l-imhallfin tal-fatt li jridu jhaddmu r-raguni taghhom u jaghmlu l-apprezzament taghhom tal-provi kollha mressqa.
Dwar il-kwistjoni tal-korroborazzjoni, u cioe` li, bhalma gie sottomess matul it-trattazzjoni orali, ghalkemm l-ispjegazzjoni dwar x'inhi l-pozizzjoni legali giet spjegata korrettement, l-Imhallef sedenti fil-guri naqas li jghid li l-provi f'kaz bhal dan ghandhom jigu miflijin skrupolozament, huwa minnu li l-ewwel Qorti, meta kienet qed tittratta dan il-punt, ma uzatx kliem fis-sens li l-provi ghandhom jigu miflijin skrupolazament, izda insistiet mal-gurati li biex tigi accettata x-xiehda ta' Jamal Haddad, din kellha tigi emnuta minnhom sal-grad rikjest mil-ligi skond il-gwidi u kriterji li kienu diga` gew spjegati minn dik il-Qorti.

Fir-rikors ta' appell l-appellant jirreferi ghal dik il-parti ta' l-indirizz ta' l-Imhallef sedenti fl-ewwel Qorti fejn ta struzzjonijiet lill-gurati biex jiskartaw x-xiehda ta' l-Ispettur Neville Aquilina fejn dan kien irrefera ghal dak li kien qallu certu Khaled Al-Rajih, peress li kienet *hearsay evidence*. L- appellant jissottometti li l-Ispettur Aquilina ma kienx qed jixhed dwar diskors li ntqal lilu minn Al Rajih izda dwar

avvenimenti li Al Rajih kien osserva vizwalment (*res gestae*), u konsegwentement ix-xiehda ta' l-Ispettur Aquilina kienet ammissibbli billi ma kinitx tammonta ghal detto del detto.

Dwar ir-regola tal-*hearsay* jinghad f'**Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003** (pagna 1239 para. 11-3):

"'Former statements of any person, whether or not he is a witness in the proceedings, may not be given in evidence if the purpose is to tender them as evidence of the truth of the matters asserted in them. The rule at common law applies strictly to all classes of proceedings, and there is no special dispensation for the defendant in a criminal case': *Phipson on Evidence*, 15th ed., 2000, para. 25-02.
'(A)ny statement other than one made by a person while giving oral evidence in the proceedings is inadmissible as evidence of any fact or opinion stated': *Cross & Tapper on Evidence*, 9th ed., p. 530. A similar definition in earlier editions had the express approval of the House of Lords in *R. v. Sharp (Colin)*, 86 Cr. App. R. 274 at 278. *Cf.* the *Civil Evidence* Act 1995, s.1(2)."

Ghalhekk m'hemmx dubju li dak li xehed l-Ispettur Aquilina fuq li qallu Khaled Al-Rajih ma kienx ammissibbli bhala prova ta' l-allegati fatti li rrefera ghalihom l-imsemmi Khaled Al-Rajih. U ghalkemm l-Imhallef li ppresjeda l-guri ma kienx ghal kollox preciz fl-ispjegazzjoni tar-regola tal-*hearsay*, f'termini prattici l-ezitu ta' dak li qal huwa korrett, u cioe` li dak li xehed l-Ispettur Aquilina fis-sens li Khaled Al-Rajih kien qallu li kien hemm xi kwistjoni bejn Jamal u l-appellant kellu jigi skartat.

Din il-Qorti se tghaddi issa biex tikkunsidra l-aggravju li l-appellant instab hati hazin fuq il-fatti.

Bhalma gie kostantement ritenut, f'dan il-kamp delikat ta' apprezzament tal-provi rrizervat ghall-gurati fil-kors tal-guri, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament li huma ghamlu, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk huma setghu legittimament u

ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghalih hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet *"properly directed"*, u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx.

Issa minn ezami tal-atti processwali jirrizulta illi l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt gew posti ghall-konsiderazzjoni tal-gurati li kienu liberi l-hin kollu, u gew diretti f'dan is-sens mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi u jaraw jekk hux il-kaz li jaghtu affidament ghal verzjoni jew ghal ohra. Evidentement il-gurati, li kellhom il-vantagg li jaraw u jisimghu x-xhieda kollha, waslu ghall-konkluzjoni li ma jaghtux affidament ghall-verzjoni ta' l-akkuzat.

Fil-fatt, minn ezami tal-provi kollha migbura, din il-Qorti hi soddisfatta li kien hemm provi bizzejjed biex, jekk emnuti, jiggustifikaw il-verdett milhuq mill-gurati fuq kull kap. Fi kliem iehor, il-kaz mhuwiex wiehed fejn ikun azzardat legalment, u kontra kull principju legali, li wiehed jasal ghall-konkluzjoni ta' rejita` kif stabilew il-gurati.

Fir-rigward ta' l-ewwel kap, l-appellant issottometta fir-rikors ta' appell tieghu li minkejja li skond l-ewwel kap jirrizulta li huwa suppost nizel l-art jew kien f'Malta minghajr permess mill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni u dan minghajr ma nghata permess ghar-residenza, il-fatt li dan ma kienx il-kaz jirrizulta minn semplici ezami tal-passaport tieghu u ghalhekk messu gie liberat mill-ewwel akkuza. Huwa minnu, kif ighid l-istess appellant, li dahal Malta regolarment fl-4 ta' Marzu 1998 izda skond l-istess passaport, li gie wkoll ezaminat mill-gurati, huwa nghata permess biex jibqa' Malta ghal sebat ijiem, liema permess skada fl-10 ta' Marzu 1998. Ghalhekk meta gie arrestat fit-13 ta' Marzu 1998 irrizulta li l-permess tieghu kien diga` skada u b'hekk gie li kien f'Malta minghajr permess minghand l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni. Jigifieri

dan kien kaz klassiku ta' *overstaying* u l-indirizz ta' l-ewwel Qorti huwa car f'dan ir-rigward.

Dwar it-tieni kap ta' l-att ta' akkuza, huwa evidenti li l-gurati sabu aktar verosimili x-xiehda ta' Jamal Haddad dwar kif dan kien xtara l-eroina minghand l-appellant, milli c-cahda ta' l-appellant; li aktar emmnu l-verzjoni ta' Jamal dwar kif l-appellant gab il-pakkett bl-eroina minn gol-globu milli emmnu dik ta' l-appellant li qal li argumenta ma' Jamal meta sab li Jamal kellu d-droga fl-appartament u li wara li nsista ma' Jamal biex jehodha u dan ma riedx jehodha dak il-hin, l-appellant stess qabad il-pakkett, poggieh gol-globu u pogga l-globu f'postu. Jidher li l-gurati aktar sabu konvincenti l-provi indizjarji li rriferiet ghalihom il-prosekuzzjoni, bhal per ezempju l-Lm15 (karta ta' l-Lm10 u karta tal-Lm5) misjuba taht l-imhadda fuq is-sodda ta' l-appellant u dak li qal Jamal Haddad li kien hallas proprju Lm15 (karta ta' l-Lm10 u karta tal-Lm5 kif ikkonfermat minn Mohammed Khaled Salam) ghall-eroina; il-magazines bil-firem u konteggi ta' l-appellant li minnhom kienu tqattghu xi kantunieri u liema magazines l-appellant l-ewwel qal li qatt ma kien rahom jew messhom; u x-xiehda ta' Alaeddine Mohamed Ezghuzi li, *inter alia*, qal li meta dahlu l-Pulizija fl-appartament l-appellant qallu "ghalaq halqek, titkellem xejn".

L-uniku punt li dwaru l-Qorti tinsab preokkupata u li tirrigwarda t-tielet kap ta' l-att ta' akkuza huwa dwar l-eroina li nstabet fil-but tal-qalziet ta' Alaeddine Mohamed Ezghuzi. Dan Ezghuzi kien qieghed jabita fl-istess appartament flimkien ma' l-appellant u Khaled Al-Rajih. Ittiehdu proceduri kriminali kontra l-imsemmi Ezghuzi li fil-fatt originalment kien tressaq flimkien ma' l-appellant odjern izda fi stadju inoltrat l-Avukat Generali ordna li l-imsemmi Ezghuzi jigi processat quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Mill-akkuzi dedotti kontra tieghu Ezghuzi gie lliberat. Issa huwa veru li dik l-eroina kienet fil-but ta' qalziet li kien jinsab fuq siggu hdejn is-sodda ta' l-appellant, izda jirrizulta mill-provi li kien hemm hwejjeg ohrajn fuq dak is-siggu u li l-qalziet kien ta' Ezghuzi li baqa' dejjem jichad li kien jaf b'dik id-droga. Jirrizulta pero` li l-eroina fil-qalziet kienet kannella u

dik fil-globu kienet bajda u t-tnejn kienu ppakkjati b'mod differenti (ara relazzjoni ta' l-espert forensiku l-ispizjar Mario Mifsud). Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa kollha l-provi relevanti, jidhrilha li fir-rigward ta' l-eroina li nstabet fil-but tal-qalziet ta' Ezghuzi m'hemm l-ebda prova li torbot lill-appellant ma' dak il-pakkett.

Mill-indirizz ta' l-ewwel Qorti, meta kien qed jigi trattat it-tielet kap, jirrizulta li dik il-Qorti ghamlet riferenza ghall-kalkolu li sar mill-ispizjar Mario Mifsud ta' l-i*street value* ta' l-eroina li nstabet fl-appartament fis-somma ta' Lm80,000, u dan minghajr ma ghamlet distinzjoni bejn dik li nstabet fil-globu u dik li nstabet fil-qalziet. Din is-somma fil-fatt kienet tirreferi ghal-ammont komplessiv ta' eroina li nstabet fl-appartament li kien qieghed jokkupa l-appellant flimkien ma' Khaled Al-Rajih u Alaeddine Mohamed Ezghuzi. Difatti l-gurati rritornaw verdett ta' htija dwar it-tielet kap minghajr ebda kwalifika. Jirrizulta mir-rapport ta' l-espert forensiku li l-eroina li nstabet fil-qalziet kienet fl-ammont ta' 46.79 grammi filwaqt li dik fil-globu kienet fl-ammont ta' 28.774 grammi. Mill-banda l-ohra l-purita` ta' l-eroina l-bajda (dik li nstabet fil-globu) kienet oghla mill-eroina l-kannella (dik li nstabet fil-qalziet).

Fil-fehma kkunsidrata ta' din il-Qorti ghalhekk il-piena li giet inflitta fuq l-appellant kienet wahda eccessiva.

Konsegwentement din il-Qorti filwaqt li sejra tikkonferma l-htija ta' l-appellant fir-rigward tat-tliet kapi ta' l-att ta' akkuza, sejra tirriforma s-sentenza kwantu tikkoncerna l-piena li giet inflitta fuq l-appellant.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-appell in kwantu giet mitluba r-revoka tas-sentenza appellata u tikkonfermaha in kwantu ddikjarat lill-appellant Mohamed Salah Ahmed Shnaina hati tat-tliet kapi ta' l-att ta' akkuza, izda tirriformaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal piena ta' sittax-il sena prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li kien ghamel taht arrest preventiv sad-data ta' l-ewwel

sentenza u ghall-hlas ta' multa ta' Lm35,000 u minflok tikkundanna lill-appellant ghal piena ta' disa' snin prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' hdax-il elf liri Maltin (Lm11,000) konvertibbli f'sena prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi. Mill-piena ta' prigunerija ghandu jitnaqqas kull zmien li l-appellant ghamel taht arrest preventiv sal-gurnata li nghatat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti. Tikkonferma wkoll is-sentenza ta' l-ewwel Qorti in kwantu ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat, kif ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli ohra ta' l-appellant, u tikkonferma
s-sentenza appellat wkoll kwantu ghar-"removal order".

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------